# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Dicembru,2001 .

### Avviz numru : 55/2001GT(GM)

Charles Mizzi ghan-nom ta' l-imsiefer ibnu Christian kif awtorizzat bi prokura Dok . A .

**VS**

**Dominic Department Stores (DDS) Ltd .**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-attur ippremetta :**

**Illi huwa, Christian Mizzi kien impjegat mas-socjeta' konvenuta fil-kwalita' ta' skrivan .**

**Illi l-impieg mas-socjeta' konvenuta gie terminat .**

**Illi huwa fadallu jiehu minn ghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' tlett mija u tmien liri maltin (LM308) dovuti lilu bil-mod segwenti : sitta u hamsin lira Maltija (Lm56) kull gimgha paga ghal erba' gimghat ammontabbli ghal mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm224); bonus minn Lulju 2000 sa Dicembru 2000 fl-ammont ta' tmienja u hamsin lira Maltija (Lm58); kif ukoll weekly allowance minn Ottubru 2000 sa Dicembru 2000 fl-ammont ta' sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm26) ;**

**Illi s-socjeta' attrici qed tirrifjuta li thallas dan l-ammont .**

**Talab lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata minn dan l-Onorabbli Tribunal li :**

1. **Thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u tmien liri maltin (Lm308) kif fuq dovuti .**

**2. Jhallsu l-imghaxijiet skond il-ligi minn Dicembru 2000 sad-data tal-hlas effettiv .**

**Bl-ispejjez kollha nkluzi l-ispejjez ta' l-ittri interpellatorji ta' l-14 ta' Mejju 2000, tal-20 ta' Gunju 2000 u ta' l-ittra ufficjali ta' Awissu, 2000 . Bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament imharrka ghas-subizzjoni .**

**Ra r-risposta li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet :**

**Illi hija qed tikkontesta t-talbiet attrici bhala inforndati fid-dritt u fil-fatt billi ma hu dovut ebda hlas minnha .**

**Sema' l-provi u ra d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidra :**
**Illi jirrizulta li :**

1. **L-attur Christian Mizzi kien impjegat, presumibilment b'kuntratt ghal perjodu indefinit mas-socjeta' konvenuta.**

2. **L-ahhar jum li mar ghax-xoghol kien fis-7 ta' Dicembru 2000 .**

3. **Fil-25 ta' Dicembru 2000 huwa ta n-notice .**

4. **Thallas sal-5 ta' Novembru, 2000 .**

5. **Is-salarju kien ta' LM55 fil-gimgha u mhux Lm56 kif indikat fl-avviz tat-talba .**

**F'din il-kawza, is-socjeta' konvenuta ghazlet li ma tressaqx provi, filwaqt illi l-attur minkejja li harrek xejn inqas minn zewg persuni tal-labour Office, naqas li jipprovdi certa informazzjoni essenzjali biex jipprova t-talba tieghu, bhal kemm kien ilu impjegat (ghax mill-perjodu tal-impieg jiddependi l-perjodu ta' notice li wiehed irid jaghti lill-employer tieghu) u jekk fis-7 ta' Dicembru harigx bil-vacation leave awtorizzat inkella jekk qabadx u minn jeddu ma rrapportax iktar ghax-xoghol . Fuq informazzjoni li ghandu, sia pure mhux kompluta, it-Tribunal jillikwida l-ammont dovut lill-attur kif gej ;**

| | | |
|---|---|---|
| **- 4 gimghat paga @ Lm55 fil-gimgha** | **220.00c0** | **+** |
| **- Bonus Lulju-Dicembru imnaqqas pro rata** | **55.76c0** | |
| **- weekly allowance minn Ottubru 'l quddiem imnaqqsa pro rata** | **21.00c0** | |
| **Total gross** | **296.76c0** | |

**Bejn id-data ta' meta attenda l-ahhar ghax-xoghol sakemm ta n-notice, ghaddew 18-il jum (inkluzi festi pubblici u Hdud) u ghalhekk kien lahaq l-attur uza' l-leave kollu li kellu ta' 15-il jum meta ta n-notice . Kif ga nghad, it-Tribunal ma giex infurmat kemm kien ilu impjegat l-attur, ghalkemm jirrizulta li kien ilu almentu iktar minn sena, u ghalhekk it-Tribunal sejjer jassumi, *arbitrio boni viri* li kien ilu iktar minn sentejn izda mhux iktar minn hames snin . Dan ifisser li kellu jaghti notice ta' erba' (4) gimghat u ghalhekk billi fil-fatt ma ta l-ebda notice, irid jaghti lill-*employer* gimghatejn paga cioe' LM110 u dan ai termini tal-Artiklu 34(5) Kap 135 .**

**Ghalhekk :**

| | |
|---|---|
| | **LM.c. m** |
| **Total gross** | **296.76c0 –** |
| **Deduzzjoni skond Artikolu 34(5) Kap 135** | **110.00c0** |
| | |
| **Total nett** | **Lm186.76c0** |

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talba tal-attur izda limitatament ghas-somma ta' Lm186.76,0 u ghalhekk jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas tal-istess somma, a tenur kont tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez, inkluzi d-drittijiet tal-avukati, u dawk tal-ittri interpellatorji u l-ittra ufficjali msemmija fl-avviz tat-talba, ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-artijiet kontendenti .**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S5501Gt(gm)
632